## P7_TA(2009)0041

## L-annimali tal-fart ta’ razza pura għat-tnissil (verżjoni kkodifikata) *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill fuq l-annimali tal-fart ta’ razza pura għat-tnissil (verżjoni kkodifikata) (COM(2009)0235 – C7-0045/2009 – 2006/0250(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0235),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 37 and 94 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0045/2009),

– wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0032/2009),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.